**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR MATTHEW SPAGNOL)**
**(SPETTUR JOSEPH XERRI)**

**VS**

**SEAN FARRUGIA**

**Kaz Nru: 376/18**

**Illum 20 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Sean Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 389789M:

Akkuzat talli matul ix-xahar ta' Gunju tas-sena 2018, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serqa ta' petrol minn Speedy Petrol Station, triq it-Torri, Sliema, liema serq huwa aggravate bil-valur li jeccedi l-elfejn tloet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

U aktar talli fl-istess zminijiet naqas milli josserva l-kondizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti (Imhallef E. Grima) nhar it-8 ta' Novembru 2017, fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, u waqt li kien mehlus mill-arrest ikkommetta delitt li ma kienx wiehed ta' natura involontarja.

Il-Qorti mitluba li titratta lil Sean Farrugia bhala recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2018 meta huwa tressaq b'arrest u kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat li f'dik l-istess seduta d-difiza talbet li l-Qorti tisma' l-provi sabiex tistabilixxi kienux jezistu r-rekwiziti ghall-applikazzjoni tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fit-12 ta' Settembru 2018 permezz ta' digriet il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Illi permezz ta' nota tat-18 ta' Ottubru 2019 il-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga informa li Sean Farrugia kien waqaf mill-evening programme tal-Caritas u l-careplan tal-Bord ma komplihiex. Il-Bord ma deherlux li kien hemm ebda progress sodisfacenti u ghalhekk qed jibghat lura l-kaz lil Qorti.

Illi fid-dawl ta' dan il-Qorti qeghda tirrevoka d-digriet taghha li permezz tieghu assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisacjentement ippruvati.

Dan apparti mill-fatt li l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu huwa jammetti l-imputazzjonijiet li bihom gie addebitat.
Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-ammissjoni fi stadju bikri, il-fedina penali tieghu li minnha jirrizulta li l-imputat bhalissa qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija effettiva. Ghalhekk il-Qorti se tikkundanna lill-

imputat ghal prigunerija effettiva. Inkwantu ghall-imputazzjoni ta' ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest filwaqt li se ssib lill-imputat hati inkwantu l-ammissjoni tieghu, billi tali digriet ma giex prezentat il-Qorti mhux f'posizzjoni li tordna l-konfiska ta' depozitu u/jew garanzija personali imposta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(c), 279(b) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat kien taht arrest preventiv in konnessjoni mal-proceduri odjerni.

Inoltre a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €446.25 rapprezentanti hlas tal-espert nominat.

Tordna li din is-sentenza flimkien mal-Atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**